# IL-ĦAMES PARTI
# IT-TIENI SEZZJONI
# APPELLI KRIMINALI
# (Sede Inferjuri)

**13 ta' Jannar, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent Degaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Benny u Anna Zaffarese

## Ċitazzjoni - Nullita'

*L-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali jirrikjedi li ċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, iżda ma jispeċifikax x'dettalji għandhom jingħataw. Jekk xi dettalji jitħallew barra dan b'ebda mod ma jġib in-nullita' taċ-ċitazzjoni. Anke jekk xi dettalji jkunu żbaljati, jekk il-persuna indikata effettivament tidher quddiem il-Qorti, waħda mill-funzjonijiet primarji taċ-ċitazzjoni u ċjoe' li sservi ta'* avviso a comparire, *tkun ġiet eżawrita.*

*L-att ta' akkuża għandu jkun fih,* inter alia, *talba sabiex l-akkużat jiġi kkundanat għall-piena stabbilita mil-liġi jew għal kull piena oħra li tista' tingħata; iċ-ċitazzjoni ma jeħtieġx li jkun fiha ebda talba simili ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-liġi espressament tirrikjedi li ċerti konsegwenzi tas-sejbien ta' ħtija jridu jkunu mitluba mill-prosekuzzjoni.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Benny Zaffarese u Anna Zaffarese talli f'Ħal Qormi għamlu xogħol ġo San Ġwakkin, Imrieħel, limiti ta' Ħal Qormi mingħajr il-permess meħtieġ skond l-artikolu 16(1) tal-Kap. 10; il-Qorti kienet mitluba biex tordna t-twaqqiegħ tax-xogħol li sar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-5 ta' Mejju, 1994 li biha Anna Zafarese ġiet illiberata minn kull imputazzjoni u piena mentri Benny Zaffarese nstab ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, ġie kkundannat multa ta' mitejn lira (Lm200) u ġie ordnat sabiex fi żmien tliet xhur jew jottempra ruħu mal-liġi jew inkella jwaqqa' l-kostruzzjoni meritu tas-sentenza taħt penali ta' ħamsa u għoxrin lira (Lm25) kull jum fin-nuqqas;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Benny Zaffarese minnu ppreżentat fis-17 ta' Mejju, 1994 li bih talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza in kwantu tikkonċerna lilu;

Rat l-atti kollha tal-kawża inkluża n-nota ta' l-appellant ta' l-10 ta' Jannar, 1995; semgħet il-provi (inklużi dawk ta' l-udjenza tal-lum stess) u l-partijiet; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu li s-sentenza appellata hija nulla peress li fil-parti dispositiva tagħha din is-sentenza tikkwota l-artikoli 16 u 17 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, liema artikoli ġew abrogati bl-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, u preċiżament bl-artikolu 63 tiegħu u dana b'effett mill-1 ta' Diċembru, 1992. Dana l-aggravju ta' l-appellant hu infondat. Huwa veru li l-artikolu 63(2)(a) ta' l-Att imsemmi ħassar dawn l-artikoli

*u oħrajn magħhom, pero`* l-*proviso* tas-subartikolu *(2) ta' l-imsemmi* artikolu jgħid bl-aktar mod ċar li "kull reat magħmul kontra xi waħda mid-disposizzjonijiet imħassra b'dan l-artikolu għandu jibqa' reat kontra dawk id-disposizzjonijiet u jistgħu jinbdew jew jitkomplew proċedimenti dwaru bħallikieku dawk id-disposizzjonijiet kienu għadhom fis-seħħ ...." Anke li kieku din il-liġi ma għamlitx espressament din ir-riserva, kien japplika l-artikolu 12(1) ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249). Iċ-ċitazzjoni kontra l-appellant ħarġet f'Novembru ta' l-1990 u kienet tirreferi għall-allegat reat - f'dan il-każ reat ta' natura permanenti - li beda jiġi kommess qabel dik id-data. Għalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta kkwotat l-imsemmija artikoli u dana kif obbligata li tagħmel skond *l-artikolu* 382 tal-Kodiċi Kriminali;

It-tieni aggravju ta' l-appellant hu li fiċ-ċitazzjoni maħruġa mill-Pulizija Esekuttiva hu ġie indikat b'ismu, kunjomu u l-eta` tiegħu iżda tħallew barra l-post tat-twelid tiegħu u tar-residenza. L-appellant jinvoka in sostenn ta' dan l-aggravju l-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali. Skond l-appellant, għalhekk, iċ-ċitazzjoni hija nulla. Dana l-aggravju, bħall-ewwel wieħed huwa kompletament infondat. Apparti li kulma jirrikjedi l-artikolu 360(2) hu li ċ-ċitazzjoni "għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka" u ma jispeċifikax x'dettalji għandhom jingħataw dwar l-imħarrek, *kemm* mill-komparixxi li hemm fl-atti kif ukoll mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti jirriżulta li l-appellant ġie indikat b'ismu, kunjomu, l-eta` tiegħu, isem missieru u isem ommu u kunjom xbubitha u bl-indirizz tiegħu bħala "c/o 133 Old Bakery Street, Valletta". Dan l-indirizz hu l-istess wieħed li jidher fuq l-applikazzjoni għall-permess tal-bini esebit fl-atti u ffirmat mill-istess appellant. Anke li kieku dawn id-dettalji jew xi wħud minnhom kienu żbaljati, waħda mill-funzjonijiet primarji taċ-ċitazzjoni u ċjoe` li sservi ta' *avviso a*

*comparire*, twettqet u ġiet eżawrita meta l-appellant, allura imputat, deher quddiem l-ewwel Qorti fis-seduta tal-5 ta' April, 1991. Il-fatt li wieġeb għas-sejħa ta' dik iċ-ċitazzjoni anqas ma kien jintitola lill-imputat li jitlob xi korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni - ħaġa li, *del resto*, l-imputat ma talabhiex - peress li bid-dehra tiegħu kien qed jikkonferma li ċ-ċitazzjoni ssejjaħ lilu. Għalhekk dan l-aggravju hu sempliċi telf ta' żmien;

It-tielet aggravju hu li s-sentenza appellata hi nulla u *ultra vires* peress li fiċ-ċitazzjoni hu ġie akkużat li kiser l-artikolu 16(1) tal-Kap. 10 mentri s-sentenza in kwistjoni sabitu ħati li kiser l-artikoli 16 u 17 ta' l-imsemmi Kapitolu. Presumibbilment bl-espressjoni *ultra vires* fil-kuntest tas-sentenza tal-Qorti ta' Gustizzja Kriminali li qed issib ħtija ta' reat, l-appellant irid ifisser li hu nstab ħati ta' reat li ma kienx akkużat bih. Dan l-aggravju hu wkoll infondat. L-artikolu 16(1) hu msemmi fiċ-ċitazzjoni fil-kuntest tal-fatti ta' l-akkuża (ara artikoli 360(2), 374(i)(i) u 375(ċ) tal-Kodiċi Kriminali). Il-liġi tiddistingwi bejn il-fatti li jikkostitwixxu r-reat u d-disposizzjoni tal-liġi li tkun tikkontempla dan ir-reat (artikolu 382, Kap. 9) u ċ-ċitazzjoni ma jeħtieġx li jkun fiha d-disposizzjoni tal-liġi li jikkontempla r-reat (artikolu 360(2)). L-ewwel Qorti kienet għalhekk proċeduralment korretta li wara li sabet lill-appellant ħati tal-fatti kif miġjuba fl-imputazzjoni - *assumendo* li dak is-sejbien ta' ħtija kien wieħed korrett - ikkwotat fis-sentenza tagħha l-artikolu tal-liġi li jikkontempla dak ir-reat, li hu proprju l-artikolu 17 tal-Kap. 10;

Ir-raba' aggravju ta' l-appellant hu li a bażi ta' kif ġiet redatta l-akkuża, l-ewwel Qorti "setgħet biss issib ħtija fl-imputat u s-sentenza tagħha tkun waħda dikjaratorja u mhux punittiva l-għaliex huwa l-artikolu 17 li jiddetermina l-piena f'dan il-każ". Din il-Qorti

tistenta li tifhem eżattament x'irid jgħid l-appellant b'sentenza sempliċement dikjaratorja fil-każ ta' proċeduri penali quddiem il-Qrati Inferjuri. Iċ-ċitazzjoni tagħmilha ċara li l-imħarrek għandu jwieġeb għall-akkuża kif miġjuba fl-istess ċitazzjoni. A differenza ta' l-att ta' l-akkuża ppreżentat mill-Avukat Ġenerali quddiem il-Qorti Kriminali, liema att ta' akkuża għandu jkun fih, *inter alia*, talba sabiex l-akkużat jiġi kkundannat għall-piena stabbilita mil-liġi jew għal kull piena oħra li tista' tingħata skond kif jiġi ddikjarat ħati l-akkużat (ara artikolu 389 (d) tal-Kap. 9), iċ-ċitazzjoni ma jeħtieġx li jkun fiha ebda talba simili ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-liġi espressament tirrikjedi li ċerti konsegwenzi tas-sejbien ta' ħtija jridu jkunu mitluba mill-prosekuzzjoni (bħal, per eżempju, fl-artikolu 15(3) tal-Kap. 65). Altrimenti l-Qorti tipproċedi biex tikkundanna f'każ li ssib ħtija (artikolu 377(1), Kap. 9). L-artikolu 17 tal-Kap. 10 ma jeħtieġ ebda talba jew talbiet simili, għalkemm il-Qorti tosserva li fiċ-ċitazzjoni, il-prosekuzzjoni talbet, evidentement *ex abundanti cautela*, it-twaqqiegħ tax-xogħol li sar. Għalhekk dana l-aggravju qed jiġi respint.

Il-ħames u s-sitt aggravji jirrigwardaw il-meritu ta' l-imputazzjoni. Bażikament l-appellant jikkontendi li hu ma kellux jinstab ħati ta' l-imputazzjoni għax fil-fatt il-permess għall-bini kien inħareġ mill-awtorita' kompetenti iżda baqa' ma sarx il-ħlas għal dana l-permess minnu, ċjoe' mill-appellant stess. L-appellant ikompli jispjega (fis-sitt paragrafu jew aggravju tar-rikors tiegħu): "Fil-każ odjern, l-awtoritajiet kienu approvaw il-bini ta' din l-iskrittura (*recte*: struttura) u għalhekk mhux minnu li din saret mingħajr permess. Kien biss li r-rikorrent ma ħallasx il-*contribution* dovuta il-għaliex l-Awtorita' naqset li taċċetta l-pagament dovut relattivament għal dak li kien għalih responsabbli r-rikorrent". Mill-provi mismugħa minn din il-Qorti u minn dawk miġbura quddiem

l-ewwel Qorti jirriżulta li l-appellant, fi Frar ta' l-1989, applika għall-permess għal *modifications to existing ground floor and erection of new first floor for photo processing workshop.* Għalkemm f'din l-applikazzjoni, li kopja tagħha tinsab esebita a fol. 10 tal-proċess, jissemma' t-tlugħ ta' l-ewwel sular biss, il-pjanti esebiti ma' l-applikazzjoni jindikaw it-tlugħ ta' l-ewwel u tat-tieni sular (ċjoe`, *first and second floors*). Dan kien evidentement *lapsus* ta' min ħejja l-applikazzjoni, u għal kull buon fini wieħed għandu jikkunsidra, kif jidher li anke d-Dipartiment ikkonċernat ikkunsidra, din l-applikazzjoni bħala waħda għat-tlugħ ta' żewġ sulari fuq il-pjan terren. Jirriżulta wkoll li qabel ma nħareġ il-permess relattiv l-appellant beda x-xogħol fuq dawn iż-żewġ sulari u effettivament lestihom. Il-permess ma nħariġx għax meta d-Dipartment ikkonċernat bagħat għall-appellant biex iħallas sabiex ikun jista' jinħariġlu l-permess, l-appellant sostna li parti mill-ammont pretiż mid-Dipartiment, li kien jinkludi r-*road contribution* u xi ħlasijiet oħra konnessi mal-pjan terren, kienet diġa` tħallset mingħand il-persuna jew persuni li mingħandhom kien xtara l-proprjeta` in kwistjoni. Għalkemm l-appellant għamel diversi proposti lid-Dipartiment biex jaslu għal ftehim dwar dan il-ħlas, id-Dipartiment baqa' jinsisti li kellha titħallas is-somma kollha u per konsegwenza l-permess baqa' ma ħariġx. Jidher illi kieku mhux għal din il-vertenza il-permess kien jinħareġ. Iżda l-liġi, fl-artikolu 17(2) tal-Kap. 10 hija ċara: ħadd ma jista' jibni jekk qabel ma jkunx inħareġ il-permess u, una volta li jkun inħareġ, il-bini għandu jikkonforma strettament mal-kundizzjonijiet ta' dak il-permess. Il-Qorti hi sodisfatta li f'dan il-każ il-permess ma nħariġx meta nbeda x-xogħol u li l-appellant kien jaf li dana ma kienx inħareġ, għalkemm mill-bqija l-applikazzjoni u l-pjanti kienu perfettament in regola. Għalhekk l-appell ser jiġi respint anke fil-meritu, b'dan pero`, li l-Qorti tara li hemm lok ta' temperament kwantu għall-multa inflitta

mill-ewwel Onorabbli Qorti u b'dan ukoll li peress li fis-seduta tal-lum il-Qorti ġiet informata li l-permess (illum mingħand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar) issa ħareġ u fil-fatt kopja tiegħu ġiet esebita mill-*Building Inspector* ta' l-Awtorita' Joseph Sammut, m'hemmx aktar lok għall-ordni ta' twaqqigħ;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant Benny Zaffarese ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, tħassarha in kwantu kkundanatu għall-multa ta' mitejn lira (Lm200) u ordnatlu sabiex fi żmien tliet xhur jew jottempera ruħu mal-liġi jew inkella jwaqqa' l-imsemmija kostruzzjoni taħt penali ta' ħamsa u għoxrin lira kuljum fin-nuqqas u minflok din il-multa u dan l-ordni tikkundanna lilll-appellant iħallas multa ta' sittin lira maltija (Lm60) liema multa qed tiġi ddikjarata għall-finijiet tas-subartikolu (8) ta' l-artikolu 17 tal-Kap. 10 li hi dovuta u li għandha titħallas lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet, u b'hekk tiddisponi mill-appell.